# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 34**

**Citaz. numru 431/90 GCD**

**Joseph Axiaq u Mario Sammut bhala Diretturi ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' A.D.S. Enterprises Limited u din bhala mandatarja specjali tad-ditta estera Jago Automotive ta' Chicester Renju Unit.**

**vs**

**John Martin**

**Il-Qorti;**

**IS-SENTENZA APPELLATA**

Fl-4 ta' Dicembru 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili pronunzat is-segwenti sentenza f'kawza dwar proprjeta' industrijali fid-disinn ta' karozza :-

"Ic-citazzjoni tghid li s-socjeta' attrici hija mandatarja u agent wahdieni tad-ditta estera *Jogo Automotive* ghall-bini, bejgh u tqassim f'Malta tal-*Jago Jeep Kit.* Id-ditta *Jago Automotive* hija s-sid tad-disinn registrat tal-*Jago Allterrain Kit Car*, li kien registrat b'effett mit-8 ta' Mejju 1989 taht l-art. 75 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali (Kap. 29).

L-atturi saru jafu li l-konvenut, bi ksur tal-ligi u tal-jeddijiet taghhom, qieghed jibni, jbiegh u jgib riklami ta' mudell ta' *jeep* ikkopjat minn fuq *jeep* iehor tad-ditta attrici li kien xtara l-konvenut stess minghand id-ditta attrici. Minhabba f'dan il-ksur tal-jeddijiet taghha, d-ditta attrici qeghda tbati danni. Ghalhekk, fuq talba taghha, kien inhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut sabiex dan jinzamm milli jkompli jikser il-jeddijiet taghha. Wara, infethet din il-kawza fejn id-ditta attrici qeghda titlob illi din il-Qorti :-

1. tghid li l-atturi *nomine* huma s-sidien tad-disinn tal-*Jago Allterrain Kit Car* billi dan id-disinn kien registrat minnhom taht l-art. 75 tal-Kap. 29;

2. tghid li l-konvenut kontra l-ligi kkopja dan id-disinn billi bena vetturi fuqu bi hsieb ta' bejgh;

3. tghid li l-konvenut offra u qieghed joffri din il-vettura kkopjata ghall-bejgh f'hafna bnadi f'Malta;

4. tghid li, b'dak li ghamel, il-konvenut ghamel, u qieghed jaghmel, hafna hsara lid-ditta attrici;

5. tghid kemm huma d-danni tad-ditta attrici;

6. tikkundanna lill-konvenut ihallas dawn id-danni ; u

7. tordna li l-magni u mezzi industrijali ohra li nqeda bihom il-konvenut biex jikser il-jeddijiet tad-ditta attrici bhala sidien tad-disinn fuq imsemmi, kif ukoll il-vetturi kollha li bena u biegh bi ksur tal-ligi, jkunu konfiskati u moghtija lill-atturi *nomine* fi zmien qasir li tghid il-Qorti taht l-art. 107 tal-Kap. 29.

Talbu wkoll l-ispejjez u l-imghaxijiet.

Il-konvenut ressaq l-eccezzjoni li hu ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju ghax ma hux il-kuntradittur legittimu f'din il-kawza. Din l-eccezzjoni kienet michuda b'sentenza *in parte* moghtija fis-17 ta' Jannar 1997[1]. Wara li nghatat din is-sentenza l-konvenut,

[1] Foll. 61 et seqq.

b'rikorsipprezentat fl-10 ta' Gunju 1997[2], talab li jithalla jressaq eccezzjonijiet ulterjuri u l-Qorti, b'digriet moghti fit-2 ta' Lulju 1997[3], laqghet din it-talba. Il-konvenut, ghalhekk, kompla ressaq dawn l-eccezzjonijiet[4] :

1. hu ma kkopja ebda disinn ta' l-atturi;

2. hu kien hadem biss fuq inkarigu moghti lilu minn Carmel Zammit u fuq disinn li jinsab registrat ma' l-awtoritajiet fuq isem dan Zammit; u

3. ma hux minnu li l-atturi sofrew danni, u wisq inqas li l-konvenut ghamlilhom danni.

Il-fatti relevanti ghal dan il-kaz huma dawn :

Id-ditta *Jago Automotive* taghmel *conversion kits* ghal *general purpose vehicles*. Id-disinn ta' dawn il-*kits* huwa registrat ghall-ghanijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali (Kap. 29) b'effett mit-8 ta' Mejju 1989[5].

Is-socjeta' attrici ressqet xhieda biex turi li certu Charles Zammit ikkopja dawn il-*kits*. Fil-process hemm esebiti ritratti[6] ta' kif ittiehdu l-forom minn fuq *kits* tas-socjeta' attrici – jidher car l-isem *JAGO,* tas-socjeta' attrici – biex inbnew il-kopji ta' Zammit. Zammit kien imbaghad jghaddi dawn il-partijiet ikkopjati lill-konvenut biex jimmontahom u jaghmel ix-xoghol mekkaniku mehtieg. Il-konvenut gieli wkoll ha hsieb il-bejgh tal-vetturi mmontati. Xehed li b'kollox hadem xi erba' vetturi[7].

Zammit ukoll ha hsieb li ssir ir-registrazzjoni tad-disinn li fuqu hadem il-*parts* ikkopjati ; dan id-disinn kien registrat b'effett mill-10 ta' April 1990[8]. Ghalhekk, barra mill-fatt li d-disinn ta' Zammit ma hux originali, r-registrazzjoni tas-socjeta; attrici hija *prior in tempore*.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-vetturi mibnija mill-konvenut saru bi ksur tal-jeddijiet tas-socjeta' attrici taht l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni ta' Proprjeta' Industrijali (Kap. 29). Xejn ma temmen li Zammit ha l-forma tal-*kit* ta' l-atturi *nomine* biex ikun jista' jaghmel *spare parts* ghall-karozza tieghu jekk ikollha l-

[2] Fol 98.
[3] Fol 98, tergo.
[4] Fol 101.
[5] Fol 108.
[6] Fol 66
[7] Ara x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1997, fol 134.
[8] Fol 102.

hsara; l-forom Zammit ghamilhom biex minnhom saru vetturi ohra li jinbieghu lil terzi.

Il-konvenut, fl-ewwel u fit-tieni eccezzjonijiet ulterjuri tieghu, qed jghid illi ma kienx hu li kkopja d-disinn tas-socjeta' attrici izda hadem biss fuq struzzjonijiet ta' Zammit. Huwa minnu li l-konvenut ma kienx wahdu li kiser id-drittijiet tas-socjeta' attrici; kellu biss sehem wiehed minn process shih ta' produzzjoni tal-vetturi kkopjati. Dan il-fatt, izda, ma jehlisx lill-konvenut mir-responsabbilita' ghax xorta jibqa' l-fatt li s-sehem tieghu kien sehem fi process illecitu. Fil-fatt, il-konvenut kien involut mhux biss fix-xoghol mekkaniku, izda wkoll fir-reklamar u fil-bejgh tal-vetturi. Il-Qorti ma ghandhiex dubbju wkoll li l-konvenut kien jaf li l-*parts* li kien jaghtih Zammit biex jimmontahom kienu kkopjati. Dan jidher mill-fatt li, meta marru ghandu xhieda tas-socjeta' attrici biex jinftehmu mieghu dwar xiri ta' vettura, wriehom *manual* tal-JAGO[9]; dan jaghmel lill-konvenut komplici f'dak li kien qed jaghmel Zammit. Barra minn hekk, meta kien mitlub biex jghid x'differenza hemm bejn il-vettura li ghamel hu, li r-ritratti taghha huma esebiti fil-process[10], u l-mudell genwin, kien kapaci jghid biss li l-kliem *JAGO* li jidher fuq ix-xibka ta' quddiem u taht il-*windscreen* tal-mudell genwin ma jidhirx fuq il-mudell mibni minnu![11] Trid aktar minn hemm biex il-mudell jitqies originali u mhux ikkupjat. Li kieku l-konvenut kien *in bona fide* ma kienx ikompli, sa dan l-istadju, jiddefendi l-pretensjoni ta' originalita' tad-disinn li hadem fuqu hu : kien jistqarr li tassew li l-mudell hu kkopjat, izda dan ma kienx jafu meta mmontah. Minflok, izda, haret bil-pretest banali li l-mudell li l-mudell ma hux ikkopjat ghax ma tidhirx il-kelma *JAGO* fuqu! Il-konvenut kien jaf sew ix-xebh bejn il-JAGO genwin u l-kopji li hadem fuqhom, ghax kien hadem ukoll fuq mudell genwin, kif xehed Charles Zammit meta ressqu l-konvenut stess biex jixhed[12].

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet hija tal-fehma li l-konvenut ma jistax jinheba wara dawn l-eccezzjonijiet.

Lanqas majista' l-konvenut jghid li, la ma kienx wahdu responsabbli, d-danni ma ghandux ihallashom hu wahdu izda jaqsamhom ma' Zammit. Id-drittijiet li jista' jkollu hu kontra Zammit ma humiex meritu ta' din il-kawza, izda d-dritt tas-socjeta' attrici li titlob id-danni kollha minghandu johrog mill-art. 1049(1) tal-Kodici Civili :

[9] Ara x-xhieda ta' Emanuel Ciantar fis-seduta tal-5 ta' Gunju 1997, foll 79 et seqq.
[10] Dok A u A1, fol 66.
[11] Ara x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1997, fol 140 et seq.
[12] Ara x-xhieda ta' Charles Zammit fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1997, foll 155 et seqq.

**1049.** (1) Meta zewg persuni jew izjed ikunu dolozament ghamlu hsara, l-obbligazzjoni taghhom ghall-hlas ta' dik il-hsara hija *in solidum*.

Ukoll jekk il-konvenut jista' b'xi mod jghid li ma kienx jaf li Zammit kien ikkopja d-disinn tas-socjeta' attrici – ghalkemm, ghar-ragunijiet migjuba fuq, il-Qorti hija sodisfatta li kien jaf – xorta jkollu jwiegeb ghall-hsara kollha billi l-bicca tal-hsara li ghaliha jaghti hu u dik li ghaliha jaghti Zammit ma tistax tigi stabbilita :

**1050.** (1) Jekk il-bicca tal-hsara li kull wiehed ikun ikkaguna ma tkunx tista' tigi stabbilita', min ikun bata l-hsara jista' jitlob il-hlas tal-hsara kollha minghand kull min irid minn dawk li jkunu hadu sehem fiha, wkoll jekk ilkoll jew xi whud minnhom ma jkunux imxew dolozament, bla hsara tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-iehor jew l-ohrajn.

Nghaddu issa biex inqisu l-likwidazzjoni tad-danni.

Il-konvenut, kif rajna, stqarr li ghamel erba' vetturi u li dawn inbieghu[13]. Joseph Axiaq, direttur tas-socjeta' *A.D.S. Enterprises Limited*, li qeghda tidher f'din il-kawza ghad-ditta attrici, xehed li l-qligh tas-socjeta' tieghu jkun ta' tlett mitt lira (Lm300) fuq kull karozza[14]. Din il-kawza, izda, ma saritx minn *A.D.S. Enterprises Limited* f'isimha, u ghalhekk it-telf ta' din ma hux il-meritu tal-kawza tal-lum. It-telf tad-ditta attrici huwa r-*royalty* li ghandha tircievi fuq kull vettura mahduma fuq id-disinn taghha, u li ma rcevietx fuq l-erba' vetturi li ma kienux genwini. Joseph Axiaq xehed li r-*royalty* hija ta' mitejn lira sterlina (GBP200) fuq kull vettura[15], u ghalhekk it-telf tad-ditta attrici minhabba fl-att illecitu tal-konvenut huwa ta' tmien mitt sterlina (GBP800).

Il-Qorti ghalhekk tilqa' t-talbiet ta' l-atturi *nomine* : tghid li huma s-sidien tad-disinn tal-*Jago Allterrain Kit car* u li l-konvenut, b'komplicita' ma' ohrajn, inqeda b'dan id-disinn u biegh vetturi kkopjati minn fuq id-disnn ta' l-atturi *nomine* kontra l-ligi; tghid li ghalhekk il-konvenut ghamel danni ta' tmien mitt lira sterlina (GBP800) lill-atturi *nomine* u tikkundannah ihallashom f'liri ta' Malta daqskemm jiswew tmien mitt sterlina bir-rata tal-kambju tal-lum.

Billi ma jidhirx li l-magni, mezzi jew spedjenti industrijali ohra wzati b'kontravenzjoni tad-disinn ta' l-atturi *nomine* jinsabu f'idejn

---

[13] Ara nota 7, pagna 3, supra, ara wkoll fol 144.
[14] Ara x-xhieda ta' Joseph Axiaq fis-seduta tal-5 ta' Gunju 1997, fol 95.
[15] Ibid. fol 85.

il-konvenut, ma hux il-kaz li jinghata provvediment dwar is-seba' talba maghmula fic-citazzjoni.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll l-ispejjez ta' din il-kawza."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza bl-aggravju illi hu ma setax jitqies li kien b'xi mod ivvjola d-drittijiet tal-atturi nomine kif protetti mill-Kapitolu 29 tal-Ligijiet ta' Malta u l-kondotta tieghu ma kienitx tammonta ghal ksur tal-ligi. Kien se mai Charles Zammit li seta' jinghad li kkopja d-disinn ta' l-atturi nomine u kien dan li kien inkariga lill-konvenut appellant biex jaghmel ix-xoghol fuq disinn li l-istess Zammit jikkontendi li kien proprjetarju tieghu. Kull persuna kellha tigi tenuta responsabbli ta' l-agir taghha u mhux ta' l-agir ta' haddiehor. L-appellant jissottometti illi, apparti x-xoghol li jaghmel bhala mekkanik fuq parts tal-Jeep provduti mill-istess Zammit, hu kien biss responsabbli ghall-fatt illi zamm il-Jeep barra l-garaxx tieghu bhala reklam ghal sidha u cioe' ghal Zammit. Zgur allura li l-konvenut ma kienx in mala fede. L-appellant jikkontendi ghalhekk illi Zammit kellu jigi kjamat fil-kawza ghalkemm l-ewwel Qorti kellha kull dritt u obbligu li ssejjahlu.

L-appellant inoltre jissottometti illi una volta ingiebet il-prova illi Zammit kien il-proprjetarju ta' disinn debitament registrat ai termini tal-Kap 29 u li kien huwa li nkariga lill-konvenut sabiex jahdem fuq il-Jeeps tieghu skond l-istess disinn, it-talbiet tal-atturi nomine ma setghu qatt jigu milqugha kif dedotti. L-atturi kellhom infatti jagixxu kontra r-Registratur

tal-Proprjeta' Industrijali biex jitolbu li jigi dikjarat li d-disinn ta' Zammit kien jixbah wisq ghal taghhom u kwindi r-registrazzjoni tieghu kellha tithassar.

Jinghad qabel xejn illi fis-17 ta' Jannar 1997, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat sentenza in parte li biha cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut illi hu kellu jinheles mill-harsien tal-gudizzju ghax ma kienx il-legittimu kontradittur. L-appell tal-konvenut qed isir ukoll minn din is-sentenza in parte li l-motivazzjoni taqra hekk :-

> "Ghalhekk, illum li sejra taqta' l-Qorti ma hux jekk tassew il-konvenut hux qed jikser il-jeddijiet li l-atturi *nomine* ghandhom fid-disinn registrat, izda biss jekk il-konvenut hux il-persuna li ghandha tikkontesta din il-kawza.
>
> Il-konvenut ma cahadx li qieghed jibni xi vetturi, li l-atturi qeghdin jghidu li huma mibnija fuq id-disinn registrat favur id-ditta barranija li f'isimha qeghdin jidhru. Izda l-konvenut qieghed jghid, bla hsara ghall-kwistjoni jekk dawn il-vetturi nbnewx tassew fuq id-disinn ta' l-atturi *nomine*, li dawn il-vetturi ma bnihomx fl-interess tieghu izda fl-interess u fuq struzzjonijiet ta' terzi.
>
> Il-konvenut xehed hekk :-
>
> > Jiena ghandi l-garage tieghi fil-Qasam Industrijali ta' Hal Luqa. Is-sengha tieghi hija ta' mechanic. Dwar il-jeeps meritu ta' din il-kawza, li jigri huwa illi Charles Zammit igibli x-chassis u l-body u jiena nghaqqadhom u nqieghed il-magna, r-roti, is-suspension, il-gearbox, u dak kollu li hu mehtieg biex il-jeep tkun tista' tiffunzjona. Jiena nithallas talli naghmel dan ix-xoghol li nghaqqad il-partijiet tal-jeep u nithallas mill-istess Charles Zammit.
> >
> > Huwa dan Charles Zammit li huwa responsabbli ghall-bejgh tal-karozzi mbaghad, jiena ma ghandi ebda commission fuq il-bejgh, nithallas biss, kif ghidt, tax-xoghol li naghmel.

> It-talba tad-ditta attrici, bhala sid ta' disinn registrat, hija mibnija fuq l-art. 67 ta' l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali (Kap. 29), li jghid hekk :-
>
> > **67.** Din ir-registrazzjoni taghti lis-sid il-copyright tad-disinn jew mudell, jigifieri, il-jedd esklusiv li jirriproduci d-disinn jew mudell u li japplika dak id-disinn jew mudell ghall-oggetti jew sustanzi ……..
>
> Id-dritt esklusiv tas-sid ifisser li hu wahdu, u hadd izjed, ma jista' jinqeda bid-disinn registrat. Jekk hadd hlief is-sid ma' jista' jinqeda bid-disnn, mela kemm min jikkopja d-disinn fuq inizzjattiva tieghu proprja kif ukoll min jikkopjah fuq struzzjonijiet ta' haddiehor ikun qieghed jikser il-ligi.
>
> Dan ifisser illi l-fatt li l-konvenut qieghed jibni l-karozzi fuq struzzjonijiet u fl-interess ta' haddiehor ma jehilsux mid-divjet tal-ligi. Naturalment, dan qieghed jinghad bla hsara ghall-kwistjoni fil-meritu jekk tassew dak li qieghed jaghmel il-konvenut jintlaqatx mil-ligi jew le ; kull ma qeghda tghid il-Qorti ghalissa hu li din l-azzjoni setghet tingieb kontra l-konvenut."

Din il-Qorti ma tara xejn fl-aggravju tal-konvenut li b'xi mod jista' jiskossa r-ragunament tal-ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari. Certament jekk il-fatti fil-mertu jigu provati dawn kienu jimportaw illi l-konvenut seta' jigi ritenut responsabbli illi wahdu jew flimkien ma' Zammit kien inqeda bid-disinn registrat u proprjeta' tal-atturi nomine. Il-fatt illi l-konvenut jinsisti illi dak li ghamel ghamlu fuq istruzzjonijiet ta' haddiehor jew ghax kien hekk inkarigat minnu li jaghmel jew ghax kien impjegat tieghu, bl-ebda mod ma kien jehilsu mir-responsabbilita' li jaghmel tajjeb id-danni li bl-agir tieghu jkun ikkawza lill-proprjetarju tad-disinn registrat favur is-socjeta' estera. Dana multo magis jekk jirrizulta, kif skond l-ewwel Qorti rrizulta, illi hu kien konsapevoli tal-fatt illi d-disinn li fuqu kien qed jahdem ma kienx ta'

proprjeta' ta' min qabbdu jaghmel ix-xoghol izda ta' haddiehor u anke jekk dan Zammit kellu rregistrat favur tieghu disinn simili. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti f'din is-sentenza in parte d-dritt esklussiv tas-sit ifisser li wahdu u hadd izjed ma seta' jinqeda bid-disinn registrat. Il-vjolazzjoni tad-dritt tal-awtur setghet allura ssir mhux biss minn min japplika l-istess disinn jew il-mudell fl-interess tieghu imma wkoll min materjalment jikkopjah jew jirriproducih. Dan kif sewwa indikat l-ewwel Qorti huwa espressament konsidrat u vjetat minn artikolu 67 tal-ordinanza dwar il-protezzjoni tal-proprjeta' industrijali.

Fl-appell principali imbaghad mis-sentenza finali fil-mertu l-appellant jibqa' jsostni l-estranejita' tieghu ghall-fatt illi min inkarigah jaghmel ix-xoghol kien effettivament kiser il-jeddijiet tal-awtur tas-socjeta' attrici. Naturalment dan hu sostanzjalment apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti li din il-Qorti ma kellhiex raguni ghaliex tiddisturba billi r-rizultanzi processwali pjenament jiggustifikaw il-konsiderazzjonijiet li ghamlet. Il-provi dokumentarji, inkluzi ritratti ta' parts li fuqhom attwalment hadem l-appellant, huma kjaccanti u inkriminanti ghaliex huma proprju parts minn Jeep li d-disinn taghha hu proprjeta' tas-socjeta' attrici estera. Uhud minn dawn il-parts sa kellhom l-isem tad-ditta Jago fuqhom u din ic-cirkostanza wehidha kienet ghal kollox tiskredita s-sottomissjoni tal-appellant illi l-agir tieghu kien estraneju ghall-vjolazzjoni tal-jeddijiet tal-awtur fid-disinn proprjeta' tal-atturi nomine.

Din il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax illi l-konvenut kien mekkanik kwalifikat li jaf is-sengha tieghu u hemm bizzejjed indikazzjoni fil-provi biex jigi stabbilit, kif stabbiliet l-ewwel Qorti, illi huwa kien f'posizzjoni li sewwa japprezza l-import tax-xoghol li kien gie inkarigat li jaghmel minn Zammit u li dan kien effettivament ifisser li kien qieghed ikun komplici f'agir improprju li ma kienx jammonta hlief ghal riproduzzjoni ta' kopji ta' mudell ta' Jeep li kien sal-inqas dettal ikkuppjat minn disinn tas-socjeta' attrici hlief li ma kellux l-isem Jago. Hi infatti wkoll determinanti l-prova illi meta marru xhieda ghand l-appellant inkarigati mis-socjeta' attrici biex jiftehmu mieghu dwar ix-xiri ta' vettura li fuqha kien qieghed jahdem, dan urihom proprju manual tal-Jago. Gustament l-ewwel Qorti rriteniet illi dan kien jaghmel lill-konvenut komplici b'dak kollu li kien qed jaghmel Zammit li inkarigah jaghmel ix-xoghol. Ghall-kumplament din il-Qorti tinnota wkoll illi fl-aggravju tieghu l-appellant issoleva kwistjonijiet ta' dritt li ma kienux sollevati quddiem l-ewwel Qorti u ma kienux koperti mill-eccezzjonijiet moghtija minnu. Irrespittavament minn dan, pero', din il-Qorti hi sodisfatta illi ma kien hemm xejn fl-aggravju illi kien jissuggerixxi lil din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzzjoni diversa minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Dan anke fir-rigward tal-kostatazzjoni guridikament korretta illi kien applikabbli ghall-kaz dan is-subinciz 1 tal-artikolu 1049 tal-Kodici Civili li jimponi s-solidarjeta' ghall-hlas ta' danni fejn iz-zewg persuni jew izjed jkunu dolozament ghamlu hsara. Anke f'dan ir-rigward il-motivazzjoni fis-sentenza appellata hi ineccepibbli.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg